**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 89/15**

**Illum: 30 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Roderick Cilia**
**(ID 0100678(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Roderick Cilia ta' 37 sena, iben Anthony u Mary nee` Fenech, imwieled il-Pieta`, nhar l-20 ta' Jannar 1978, residenti No. 31, Flat No. 4, Triq il-Grigal, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0100678(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-24 ta` Marzu 2015:

1. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u ċioe` fuq il-persuni ta' PC 131 Nathan Bugeja;

2. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u ċioe` PC 131 Nathan Bugeja, fil-waqt li tkun taġixxi

għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

3. Ikkaguna grieħi ta' natura ħafifa fuq PC 131 Nathan Bugeja kif iċċertifikat minn Dr. Alison Psaila Med. Reg. No. 5568;

4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Talli kkometta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mil-Magistrat Dr. I. Farrugia LL.D nhar id-9 ta' Ottubru 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

7. Talli kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.[1]

[1] Għalkemm iċ-ċitazzjoni a fol. 1 u 2 tal-proċess m'hijiex identika għal dik esebita a fol. 4 u 5 tal-proċess, tant illi din tal-aħħar tinkludi imputazzjoni li ma tidhirx f'tal-ewwel, il-Qorti qegħda timxi fuq iċ-ċitazzjoni a fol. 4 u

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-provi prodotti illi waqt *road block* illi kien qiegħed iseħħ fl-24 ta' Marzu 2015 għall-ħabta tas-1:00am ġewwa Vjal Santa Lucia fil-Marsa, il-Pulizija waqqfu mutur iswed tal-marka Kymco bin-numru ta' reġistrazzjoni DBQ 834. Il-mutur kien misjuq mill-imputat u kien hemm riekba miegħu, bħala passiġġiera, ċerta Philisianne Farrugia. Il-mutur ġie mwaqqaf billi ma kellux il-pjanċa ta' wara mwaħħla f'postha. Sussegwentement, irriżulta illi l-pjanċa kienet waqgħet u l-imputat kien qed iżommha fuq il-mutur. Jirriżulta wkoll illi saret tfittxija minn PC 1003 David Monaco li, għall-ewwel irriżultat fin-negattiv. Dan ix-xhud jgħid illi huwa għamel tfittxija oħra fuq il-mutur u din id-darba sab borża tal-plastik li ġo fiha kien hemm par ingwanti suwed. Fil-ponot tas-swaba' tal-ingwanti, imbagħad, sab tliet boroż – tnejn minn dawn il-boroż kien fihom trab kannella, fil-waqt illi l-borża l-oħra kien fiha trab abjad. PC 1003 jgħid ukoll illi dawn l-ingwanti nstabu fi spazju fuq quddiem tal-mutur, bejn l-*isteering* u l-fanal. Jgħid ukoll illi "*hemm hekk kien hemm borza u kien hemm affarijiet ohra pero li jikkoncernaw lili kienu dawk l-ingwanti bis-sustanza go fihom*"[2]. Żied jgħid illi s-sustanza nstabet b'kumbinazzjoni għaliex il-boroż "*kienu veru imdeffsin*"[3] fis-swaba tal-ingwanti.[4]

Jirriżulta wkoll illi l-imputat ġie arrestat u ngħata d-drittijiet tiegħu. PS 341 Jurgen Dalli[5] jispjega illi sadanittant ġew infurmati l-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga u sakemm dawn waslu fuq il-post, l-imputat inżamm immanettjat bil-qiegħda fuq bankina, fil-waqt illi miegħu baqa' għassa PC 131 Nathan Bugeja. Fil-frattemp il-Pulizija, li kienu diversi, komplew għaddejjin bir-*road block* fiż-żona. Jirriżulta wkoll illi f'xi ħin inqalgħet kommozzjoni u l-Pulizija preżenti semgħu xi storbju u għajjat.

---

5 tal-proċess, stante illi din hija dik li ġiet indikata bħala maħlufa u moqrija fl-ewwel seduta meta bdew dawn il-proċeduri.

[2] A fol. 36 tal-proċess.

[3] A fol. 36 tal-proċess.

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 35 sa 40 tal-proċess.

[5] Ara din ix-xhieda a fol. 25 sa 34 tal-proċess.

Xehed PC 131 Nathan Bugeja illi spjega illi huwa mar ħdejn l-imputat meta diġa` kienet bdiet issir it-tfittxija. Jgħid illi wara li nstabet is-sustanza in kwistjoni, l-imputat ġie arrestat u tpoġġa bil-qiegħda fuq il-bankina. Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa baqa' għassa mal-imputat sakemm ġew fuq il-post il-Pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Kompla jispjega illi ftit il-bogħod minnu kien hemm pulizija oħrajn fosthom PC 199 Mark Muscat illi kien qiegħed ma' Philisianne Farrugia, kif ukoll PC 1214, PC 1003 u s-Surġent. Xehed illi ħin minnhom semgħu lil Philisianne Farrugia targumenta ma' PC 199 Mark Muscat u waqt illi kien għadu bil-qiegħda fuq il-bankina, bix-xhud quddiemu, l-imputat staqsa lil Philisianne Farrugia x'kien ġara. Mix-xhieda ta' PC 131 Nathan Bugeja jirriżulta illi Philisianne Farrugia wieġbet "*mhux dawn ha joqgħodu jġibuha fit-tul*".[6] Ix-xhud żied jgħid illi dak il-ħin l-imputat qam bil-wieqfa u x'ħin kien madwar pass il-bogħod minnu, l-istess imputat qallu: "*isma hawn ma noqgħodux indaħħqu, mhux għax qegħdin ħamsa, fil-każ niġġieldu*".[7] Ma' dan il-kliem PC 131 Nathan Bugeja pprova jikkalma lill-imputat: "*Roderick ikkalma u erġa' ntefa bil-qiegħda biex ma nkabbrux l-affarijiet*" iżda l-imputat kompla: "*jekk trid niġġieldu għalija mhux problema, lili ma tbeżżgħunix*".[8] Skont ix-xhud, f'dan il-waqt, l-imputat mar għal fuqu u beda jagħtih bis-sieq, f'siequ x-xellugija. PC 131 Nathan Bugeja spjega illi dak il-ħin huwa qabad lill-imputat mill-ħwejjeġ u niżżlu mal-art u baqa' fuqu sakemm dan ikkalma u ma baqax jissara. Jispjega wkoll illi huwa kellu siequ tuġgħu u mar fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid fejn ġie ċċertifikat illi ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa, li fissirhom bħala daqqiet ta' dak il-ħin u xejn kbir. Ix-xhud iżid jgħid illi dak il-ħin li nqalgħet il-kommozzjoni, l-imputat beda jgħidlu li din ma kinitx ser tieqaf hawn, li kienu ser jerġgħu jiltaqgħu barra u li ma jibżax mill-Pulizija.[9]

PC 1003 David Monaco xehed illi jaf li fil-kommozzjoni li nqalgħet kienu nvoluti l-imputat u PC 131 Nathan Bugeja, pero` ma semax il-kliem li ntqal. Huwa kkonferma illi PC 131 kellu xi daqqiet fuq saqajh, iżda ma rax illi l-imputat deher ferut. Dwar dan l-inċident PS 341 Jurgen Dalli xehed illi f'ħin minnhom sema' xi għajjat u dar biex jara x'kien qiegħed jiġri. Dak il-ħin lemah lill-imputat jagħti bis-sieq lil PC 131 f'siequ u ra wkoll lil PC 131 jaqbad lill-imputat u jpoġġieh mal-art. PS 341 kompla jispjega illi meta nqala' l-inċident huwa kien jinsab madwar ħames metri l-bogħod mill-imputat u PC 131 u illi għalkemm ra lill-imputat jaggredixxi lil PC 131, huwa ma semax id-diskors illi ngħad qabel din l-aggressjoni. Xehed ukoll PC1214 Malcolm Sammut[10] li jgħid

[6] A fol. 43 tal-proċess.
[7] A fol. 43 tal-proċess.
[8] A fol. 43 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 41 sa 47 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 54 sa 62 tal-proċess.

illi sema' lill-imputat jgħajjat lejn PC 199 kliem bħal "*għalfejn qed iddaħħqu*" u "*iddaħqux*" u dan fis-sens illi l-imputat beda jgħid illi xi ħadd prova jdaħħak bit-tfajla tiegħu. F'dan il-ħin PC 1214 Malcolm Sammut kien jinsab madwar ħames jew sitt metri l-bogħod għaliex kien qiegħed jieħu d-dettalji tal-affarijiet illi nstabu waqt it-tfittxija. Żied illi PC 131 Nathan Bugeja kien qiegħed jipprova jikkalma lill-imputat, jgħidlu biex ipoġġi bil-qegħda għaliex dan fil-frattemp kien qam bil-wieqfa u jsikktu sabiex ma jitkellimx ma' Philisianne Farrugia. Dak il-ħin l-imputat xejjer daqqa ta' sieq lejn PC 131 u laqqtu f'irkopptejh, tilef il-bilanċ mat-tarf tal-bankina u waqa' fuq dahru u mbagħad kompla jxejjer bis-sieq sakemm intervjenew il-Pulizija u żammewh. In kontro-eżami, jgħid illi kif l-imputat għolla siequ lejn PC 131, dan tilef il-bilanċ u waqa' lura, meta kompla jagħti bis-sieq u laqat lil PC 131 f'irkupptejh.

Xehdet ukoll Dr. Alison Psaila[11] li dak in-nhar tal-inċident eżaminat lil PC 131 Nathan Bugeja u ċċertifikat illi bħala feriti ġew riskontrati fuq il-patella tal-irkobba tax-xellug *erythema* tal-kejl ta' tlett (3) ċentimetri bi tlett (3) ċentimetri u *erythema* oħra ta' madwar żewġ (2) ċentimetri b'żewġ (2) ċentimetri "*on medial aspect of knee joint*". Dr Psaila fissret illi t-terminu *erythema* tirreferi għall-ħmura u li dawn kienu ġrieħi ta' natura ħafifa. Hija kkonfermat iċ-ċertifikat esebit a fol. 17 tal-atti bħala ċ-ċertifikat rilaxxjat minnha fil-jum in kwistjoni.

Jirriżulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella illi fih kien hemm *evidence bag* li ġo fiha kien hemm: (i) żewġ qratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn kannella u (ii) qartas tal-plastik li fih trab ta' lewn abjad.

L-espert ikkonkluda illi:

(a) Fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella fl-istess dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piż totali tat-trab kien ta' 0.52 grammi, b'purita` ta' cirka 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad fl-istess dokument, instabet is-sustanza kokaina. Il-piż total tat-trab kien ta' 0.07 grammi. Billi l-ammont ta' din is-sustanza kien wieħed żgħir ħafna, l-espert ma setax jasal għall-purita`.[12]

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-24 ta' Marzu 2015, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma

[11] Ara din ix-xhieda a fol. 70 sa 72 tal-proċess.
[12] Ara r-relazzjoni a fol. 90 *et seq* tal-proċess.

jeżerċitahx.  L-imputat għażel illi ma jweġibx għad-domandi li sarulu waqt l-interrogatorju tiegħu, kif kellu kull dritt li jagħmel.[13]

**Ikkunsidrat ukoll:**

**L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjonijiet: L-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9**

Permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkużat bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn iż-żewġ reati jipotiżżaw il-kommissjoni ta' reat fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku.  Madankollu hemm differenza netta bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi.

L-Artikolu 95 jikkontempla l-inġurja, it-theddid jew l-offiża li ssir fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku (1) waqt illi dan ikun qed jagħmel servizz pubbliku; jew (2) minħabba li jkun għamel dan is-servizz; jew (3) bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

L-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-inġura, it-theddida u l-offiża meta kommessi fl-ewwel xenarju u ċioe` fil-waqt illi l-uffiċjal pubbliku jkun qed jagħmel servizz u dan il-motiv fit-tieni u fit-tielet xenarji msemmija fil-paragrafu preċedenti.  Dan għaliex meta l-oltraġġ jitwettaq fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jagħti servizz, mhux neċessarju illi l-inġurja jew it-theddid ikunu marbuta mal-funzjoni illi l-uffiċjal ikun qiegħed jeżerċita. F'dan ir-rigward l-awturi Cheveau et Helie, li jirreferi għalihom ukoll il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, jgħidu hekk:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Fiż-żewġ sitwazzjonijiet l-oħra, imbagħad, jeħtieġ illi jiġi stabbilit ness bejn l-oltraġġ u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

[13] Ara l-istqarrija a fol. 14 sa 16 tal-proċess.

Dan ir-reat jeħtieġ ukoll illi jiġi mwettaq fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Dwar dan il-Professur Mamo jgħallem illi:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*."

Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino</u>**, huma tlett elementi essenzjali li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9:

"*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

*Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:*

*"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "<u>tkun qed tagixxi ghall-</u>*

*ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti"* [sottolinear ta' dik il-Qorti].

Dwar dan l-element hekk sottolineat, fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-12 ta' Settembru 1996, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta qalet hekk:

"*Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.*"

B'referenza għal dak illi seħħ fil-każ odjern, mix-xhieda ta' PC 131 Nathan Bugeja jirriżulta illi huwa ssubixxa daqqa ta' sieq mingħand l-imputat waqt li dan kien qiegħed għassa miegħu sakemm jaslu fuq il-post il-Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga. M'hemmx dubju illi f'dan il-waqt l-imputat diġa` kien ġie arrestat, iżda PC 131 kien ġie inkarigat mis-Surġent sabiex iżommu arrestat u jissorveljah.

Jirriżulta illi l-imputat qam bil-wieqfa biex bħal jisfida lil PC 131, wara li t-tfajla tiegħu, Farrugia, għaddiet xi kummenti lil PC 199, u kien proprju meta l-istess PC 131 intima iżjed minn darba lill-imputat sabiex jerġa' jpoġġi bil-qegħda fuq il-bankina fejn kien jinsab qabel, illi l-imputat minflok beda jistiednu għall-ġlied u tah daqqa ta' sieq, bir-riżultat li laqat u weġġa' lil PC 131 f'irkopptu.

Fid-dawl ta' dak li jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti waqt dan l-inċident, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi x-xhieda ta' PC 131 għandha mis-sewwa u fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati dwar l-elementi li jsawwru r-reati kkontemplati fiż-żewġ artikoli msemmija, il-Qorti tqis illi dawn jissussisti. Għalhekk tqis illi l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

## It-Tielet Imputazzjoni: Artikolu 221 tal-Kap. 9

L-imputat jinsab akkużat ukoll talli kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fil-konfront ta' PC 131 Nathan Bugeja, bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9.

Kif ingħad, PC 131 Nathan Bugeja spjega illi l-imputat tah daqqa ta' sieq f'irkopptu. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet ċertifikat mediku, liema ċertifikat ġie kkonfermat mit-tabiba li rrilaxxjatu. L-istess tabiba kkonstatat x'kienu l-ġrieħi li ssubixxa l-istess PC 131, liema ġrieħi jikkombaċaw ma' dak li PC 131 jiddeskrivi fix-xhieda tiegħu. Effettivament, skont l-istess ċertifikat l-imsemmi Uffiċjal tal-Pulizija sofra ġrieħi ta' natura ħafifa.

Għaldaqstant, anki t-tielet imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**<u>Ir-Raba' u l-Ħames Imputazzjonijiet: Pussess sempliċi tad-drogi kokaina u eroina</u>**

L-imputat jinsab akkużat ukoll bil-pussess 'sempliċi' tad-drogi kokaina u eroina. Kif jirriżulta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, minn tfittxija illi saret fuq il-mutur misjuq mill-imputat fil-lejl in kwistjoni, instabu tliet boroż b'sustanzi fihom, liema sustanzi rriżultaw, skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, illi kienu drogi kokaina u eroina. Skont ix-xhieda ta' PC 1003, dawn il-boroż instabu moħbija fil-ponot tas-swaba ta' par ingwanti li nstabu f'borża fl-istess mutur, hekk kif saret it-tieni tfittxija.

Jirriżulta ċar illi l-mutur in kwistjoni kien misjuq mill-imputat meta twaqqaf u li flimkien mal-imputat, riekba fuq l-istess mutur, kien hemm ukoll passiġiera, ċerta Philisianne Farrugia.

Mill-atti proċesswali jidher illi l-Qorti qed tiġi mitluba tassumi illi l-ingwanti li fihom instabet id-droga kienu jappartjenu proprju lill-imputat odjern jew illi l-imputat kien konsapevoli illi f'dawk l-ingwanti kien hemm id-droga. Effettivament għalkemm PC 1003 jgħid illi għamlu verifiċi tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-mutur u li l-imputat anke tahom in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, biss il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx prova li l-imputat odjern kien il-proprjetajru tal-mutur in kwistjoni, kif lanqas baqgħet ma esebiet l-imsemmija ingwanti, u dan meta fuq l-istess mutur, l-imputat kien akkumpanjat minn persuna oħra. Mhux biss, iżda dak imniżżel fir-rapport esebit a fol. 18 *et seq* tal-proċess, b'referenza għall-imputat illi "*f'waħda mill-ingwanti li kien liebes wara li nezahhom u poggijhom fuq it-tank tal-mutur instabu tlett boroz zghar wahda bi-trab abjad u tnejn l-ohra bit-trab kannella*", ma ġie kkonfermat bl-ebda mod mill-uffiċjali tal-pulizija preżenti fuq il-post waqt it-tfittxija. Anzi PC 1003 jgħid illi huwa sab dawn l-ingwanti f'borża fuq quddiem tal-mutur.

Il-Qorti għalhekk tinsab rinfaċċjata b'par ingwanti, li mhux magħruf ta' min kienu, tlett boroż bid-droga, illi lanqas ma hu magħruf ta' min kienu, u mutur li

fir-rigward tiegħu baqgħet ma nġabitx prova tal-proprjeta`, misjuq mill-imputat b'passiġġiera riekba fuqu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi dawn l-imputazzjonijiet ma ġewx sodisfaċentement ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi.

## Is-Sitt Imputazzjoni

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat illi kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ngħatat minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia nhar id-9 ta' Ottubru 2014. Madankollu, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx kopja legali ta' din is-sentenza.

Għalhekk, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

## Is-Seba' Imputazzjoni: Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat talli volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro** datata 20 ta' Mejju 2013:

" *... din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib*."

Jirriżulta kif ingħad iżjed 'il fuq, illi l-pulizija preżenti fuq il-post xehdu illi l-imputat beda jgħajjat u bħal jisfida għall-ġlied lil PC 131 sakemm tah daqqa ta' sieq f'irkopptu, meta l-imputat ġie mrażżan billi, skont ix-xhieda ta' PC 131, huwa niżżlu mal-art u qagħad fuqu sakemm l-imputat ikkalma. Skont ix-xhieda ta' PC 1214, intervjenew ukoll pulizija oħra li żammew lill-imputat.

Illi ndubbjament fl-aġir u l-atteġġjament litiġjuż tal-imputat, kien hemm l-element ta' minaċċja għas-sigurta` individwali, f'dan il-każ ta' PC 131, liema atteġġjament ħoloq ċertu biża' u preokkupazzjoni tant illi l-uffiċjali tal-pulizija preżenti żammew lill-imputat sakemm ikkalma.

Għalhekk, tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qieset il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi kundanni dwar reati kontravvenzjonali, serq aggravat f'iżjed minn okkażżjoni waħda, serq sempliċi u ħsara volontarja, pussess ta' droga f'iżjed minn okkażżjoni waħda, reati ai termini tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, tentattiv ta' feriti gravi, reati ai termini tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, reati taħt l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9, kif ukoll talli kkaġuna feriti ta' natura ħafifa u reati kontra l-Ordinanza dwar id-Dwana. Dwar dawn huwa ngħata liberazzjoni kundizzjonata f'iżjed minn okkażżjoni waħda, tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*, ġie kkundannat għal pieni pekunjarji, ingħata piena ta' priġunerija sospiża f'erba' okkażżjonijiet u piena ta' priġunerija effettiva. Qieset għalhekk illi l-imputat xellef diffrejh mal-ġustizzja diversi drabi.

Qieset ukoll in-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, kif ukoll in-natura tal-ġrieħi minnu kkaġunati lil PC 131 Nathan Bugeja.

Ikkunsidrat ukoll illi għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li dwarhom qed jinstab ħati l-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96(a), 221(1) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, qed issib lill-imputat mhux ħati tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-seba' imputazzjonijiet u qegħda tikkundannah għall-piena ta' disa' xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum,

b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti qed twissi lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Stante illi ma nstabitx ħtija fir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, il-Qorti m'hijiex qegħda tordna l-ħlas tal-ispejjeż tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur f'dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dokument NS, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Registratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat